MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 571/2009

**Henry *sive* Eric Micallef, Rosabelle Mousu mart Saviour u Josette Scicluna mart Alfred**

**-vs-**

**Sofra Moier**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi din hija talba għall-iżgumbrament qed isir *a tenur* tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) ċjoe' "bil-giljottina";

2. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fondi 173, Flat 1 u Flat 3, Attard Buildings, Rudolph Street, Sliema;

3. Illi l-intimata hqed tokkupa l-imsemmi fond mingħajr titolu validu fil-liġi

4. Illi għalhekk ir-rikorrenti qegħdin jitolbu debita ordni mingħand din l-Onorabbli Qorti sabiex l-intimata tiġi ordnata tiżgombra mill-fond imsemmi u dana kif maħsub fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12);

5. Illi r-rikorrenti qegħdin bil-preżenti jiddikjaraw li sa fejn jafu huma, l-intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba attriċi;

6. Illi d-dokument *in sostenn* tat-talba attriċi, kompriż l-affidavit relattiv, huma hawn mehmuża markati wieħed (1).

Għalhekk tgħid l-intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-intimata qed tokkupa l-fond Flat 1 u Flat 3 Rudolph Street, Sliema mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

2. Tgħaddi biex tordna lill-intimata tiżgombra mill-fond fuq deskritti bid-dispensa tas-smiegħ skond kif maħsub fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta'Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12), u tordna lill-istess intimata sabiex tiżgombra mill-fondi fit-terminu li jiġi stabbilit minn din l-istess Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa nġunta in subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuta naqset li tippreżenta risposta u ma dehritx għas-seduta tal-lum stess u allura hija kontumaċi skond il-liġi.

Semgħet lill-avukat tal-atturi;

**Billi it-talba attriċi hija ġustifikata, tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż a karigu tal-konvenuta**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------